



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.2.2008
KUMM(2008) 110 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
IL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U L-QORTI EWROPEA TA' L-
AWDITURI**

**Rapport dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni lejn Qafas Integrat tal- Kontroll
Intern**

{SEG(2008) 259}

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
IL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U L-QORTI EWROPEA TA' L-AWDITURI**

Rapport dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni lejn Qafas Integrat tal- Kontroll Intern

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Meta l-Kummissjoni preżenti insedjat ruħha, hija stabbiliet għan strateġiku li tikseb dikjarazzjoni pożittiva ta' assigurazzjoni mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri. Bi prova ta' dan, f'Jannar ta' l-2006 hija adottat "Pjan ta' Azzjoni lejn Qafas Integrat tal-Kontroll Intern"¹, b'kunsiderazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet mill-Qorti ta' l-Awdituri², ir-riżoluzzjoni ta' rilaxx għall-2003 tal-Parlament Ewropew³ u l-konklużjonijiet ta' l-ECOFIN tat-8 ta' Novembru 2005. Il-Pjan ta' Azzjoni indirizza 'nuqqasijiet' fl-istrutturi ta' kontroll ta' dak iż-żmien tal-Kummissjoni u identifika 16-il qasam li dwarhom kellha tittieħed azzjoni sa tmiem l-2007. Fir-rapport ta' progress temporanju tagħha f'Marzu 2007⁴, il-Kummissjoni spjegat il-progress u ħabbret xi azzjonijiet addizzjonali.

Fis-sentejn minn meta tnedew is-16-il azzjoni, 7 minnhom tlestew, 6 oħra huma fil-biċċa l-kbira tagħhom lesti filwaqt li tlieta minnhom ma setgħux jiġu implimentati jew qed jingħataw spinta 'l quddiem b'metodi oħra. It-tabella 1 tagħti spjegazzjoni dwar l-istatus ta' kull grupp ta' azzjonijiet u evalwazzjoni bikrija ta' l-impatt. L-iskadenza tal-pjan ta' azzjoni biex miżuri jiddaħħlu fis-seħħ kienet għal tmiem l-2007. Progress dettaljat dwar dawn l-azzjonijiet jinsab imfisser fl-Anness ta' dan ir-rapport. Qiegħda tingħata l-ewwel valutazzjoni ta' l-**impatt** ta' l-azzjonijiet, iżda t-tnaqqis ta' l-iżbalji u assigurazzjoni aħjar se jiżviluppaw biż-żmien hekk kif l-azzjonijiet meħuda jibdew iħallu impatt fuq is-sistemi ta' kontroll sottostanti.

Tabella 1: L-implimentazzjoni u l-impatt tal-pjan ta' azzjoni

Gruppi ta' azzjonijiet	Status f'Marzu 2007	Status fi Frar 2008	Impatt fi Frar 2008
Is-simplifikazzjoni u l-prinċipji ta' kontroll komuni (azzjonijiet 1-4)	■ ■ □ □ □	■ ■ ■ ■ ■	■ □ □ □ □
Id-dikjarazzjonijiet tal-maniġment u l-assigurazzjoni ta' verifika (azzjonijiet 5-8)	■ ■ □ □ □	■ ■ ■ ■ □	■ □ □ □ □
Metodu b'verifika waħda: il-qsim tar-riżultati u l-prijoritizzazzjoni tar-relazzjoni bejn l-infiq u l-benefiċċju (azzjonijiet 9-11)	■ ■ □ □ □	■ ■ ■ ■ □	■ □ □ □ □

¹ KUMM(2006) 9 u SEG(2006) 49.

² L-Opinjoni Nru 2/2004: ĠU C107/1 tat-30.4.2004 (l-Opinjoni dwar 'Verifika Unika').

³ ĠU L 196, 27.7.2005, p. 4.

⁴ KUMM(2007) 86.

It-Tabella 1 turi li l-Kummissjoni laqgħet l-iskeda ambizzjuża tal-Pjan ta' Azzjoni, li kienet tintemm fil-31 ta' Diċembru 2007. L-impatt attwali fuq ir-rati ta' l-iżbalji se jsir evidenti biss fi stadju aktar tard.

Il-Pjan ta' Azzjoni tfassal biex jinbnew is-sisien ta' DAS pożittiva. L-azzjonijiet imwettqa ċċaraw u saħħew il-qafas ta' kontroll intern għall-programmi Komunitarji.

L-azzjonijiet li għadhom ma tlestewx se jiġu konklużi fl-2008. L-azzjonijiet prinċipali li ma tlestewx huma:

- azzjoni 7, l-iżvilupp ta' "proċeduri maqbula" fl-edukazzjoni u l-kultura ġew posposti għall-2008 minħabba aġġornamenti fil-metodoloġija tal-verifika tad-DĠ EAC. Din il-ħidma se titlesta sa Diċembru 2008;
- azzjoni 10, il-ġbir ta' data dwar l-ispejjeż ta' kontroll fl-agrikultura u tal-fondi strutturali tlestiet u bħalissa għaddejjja l-analiżi. Ir-riżultati se jiġu rrapportati f'Komunikazzjoni f'Ottubru ta' l-2008 (ara aktar 'l isfel);
- azzjoni 11N, modifiki fuq l-ABAC fi Frar ta' l-2008 se jippermettu traċċar trasparenti ta' l-irkupri multiannwali mill-2008 'l quddiem; kif ukoll
- azzjoni 16, gwida ta' teħid ta' kampjuni għas-servizzi tal-Kummissjoni, kif ukoll gwida speċjalizzata ta' teħid ta' kampjuni għall-Fondi Strutturali, ser tkun disponibbli fis-Sajf ta' l-2008. Il-manwal rivedut għall-verifika ta' fondi strutturali se jitlesta matul is-sena biex ikun konformi mar-regolamenti l-ġodda.

Minkejja l-azzjonijiet li ttieħdu diġà, il-Qorti għadha qed issib wisq żbalji f'ċerti oqsma. Fid-DAS ta' l-2006, l-azzjonijiet strutturali li twettqu permezz ta' l-Istati Membri u l-ġhajjnuna esterna ġestita minn organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni ingħataw valutazzjoni "ħamra" mill-Qorti. Kif indikat il-Qorti fl-"opinjoni ta' verifika unika" tagħha, huwa tassew importanti li r-riskju u l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontroll jiġu mifhuma tajjeb biex jiġu definiti strateġiji ta' kontroll u ssir l-evalwazzjoni tar-riżultati tagħhom. Il-Kummissjoni se ttejjji Komunikazzjoni għal Ottubru ta' l-2008 dwar l-infiq u l-benefiċċji tas-sistemi ta' kontroll u l-analiżi tar-riskju residwu li d-DĠs li l-oqsma tal-politika tagħhom ġew iwwalutati mill-Qorti ta' l-Awdituri bħala "ħomor" għandhom jinkludu fir- Rapporti ta' Attività Annwali tagħhom għall-2007.

Il-pjan ta' azzjoni tfassal biex jindirizza nuqqasijiet fil-qafas ta' kontroll intern u biex ikun ta' ġhajjnuna għall-ksib ta' dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pożittiva. Aktar ma' dawn l-azzjonijiet jibdeu jolqtu fil-laħam il-ħaj, l-impatt dwar l-effettività tal-kontroll aktar se jsir viżibbli b'mod progressiv. Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet li ttieħdu fir-rapport ta' progress preċedenti f'Marzu 2007.

2. IT-TWETTIQ U L-IMPATT TAL-PJAN TA' AZZJONI

Il-progress fuq kull azzjoni huwa mfisser fit-taqsimiet t'hawn taħt u aktar fid-dettal fl-anness.

2.1. Is-simplifikazzjoni u l-prinċipji ta' kontroll komuni (azzjonijiet 1-4)

Azzjoni 1: Simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni proposta għall-2007-2013

Azzjoni mwettqa: fl-opinjoni tagħha ta' "verifika unika" l-Qorti indikat li biex jitnaqqas ir-riskju ta' żbalji huma meħtieġa regoli sempliċi, ċari u faċilment applikabbli. Meta ġie adottat il-pjan ta' azzjoni, kien baqa' żmien limitat li fih setgħet issir aktar simplifikazzjoni ta' leġiżlazzjoni għall-perjodu 2007-2013 minbarra d-dispożizzjonijiet diġà nneozjati. Għalhekk is-simplifikazzjoni – responsabbiltà li l-Kummissjoni taqsamha ma' l-Awtorità leġiżlattiva – ma kinitx mifruxa daqskemm kien ittammat, għalkemm xi elementi maħsuba biex jitnaqqsu l-iżbalji ġew introdotti f'setturi speċifiċi, inklużi l-azzjonijiet ta' l-iżvilupp rurali u dawk strutturali. Is-sistemi ta' kontroll intern li jkopru l-ġestjoni maqsuma, per eżempju, huma stipulati b'mod aktar ċar fil-leġiżlazzjoni tal-perjodu l-ġdid u jissodisfaw il-prinċipju ta' verifika unika⁵.

Madankollu r-regoli kumplessi għadhom raġuni sinifikanti li twassal għal żbalji. Minn meta ħarġet ir-rapport f'Marzu ta' l-2007, il-Kummissjoni ċċarat xi regoli permezz ta' linji gwida⁶ dwar il-leġiżlazzjoni ġdida dwar il-Fondi Strutturali. Hija se tissokta bis-sostenn u l-gwida ulterjuri tagħha kull fejn ikun meħtieġ. Barra minn hekk il-Kummissjoni se tiżgura li l-proposti leġiżlattivi tal-ġejjieni jinkludu regoli ċari u sempliċi.

Impatt: Perċentwal tal-baġit minfuq b'ammonti f'daqqa. ■□□□□

Evoluzzjoni probabbli: f'tit mistenni li jsir tibdil taħt il-leġiżlazzjoni kurrenti. Simplifikazzjoni ulterjuri se tiġi proposta għaċ-ċiklu leġiżlattiv li jmiss.

Azzjoni 2: Integrazzjoni ta' prinċipji ta' kontroll intern komuni fil-proposta għar-Regolament Finanzjarju rivedut

Azzjoni mħassra, iżda miksuba b'mod ieħor: kif indikat fir-rapport ta' progress ta' Marzu 2007, din l-azzjoni tħassret billi l-leġiżlatur ma ppermettix prinċipju speċifiku dwar il-kontroll intern fir-Regolament Finanzjarju. L-għan ta' din l-azzjoni nkiseb permezz ta' l-Artikolu 28a, li jipprevedi li "l-baġit għandu jiġi implimentat b'konformità ma' kontroll intern effettiv u effiċjenti".

⁵ Ara KUMM(2007) 86 għal aktar dettalji dwar inizjattivi ta' simplifikazzjoni speċifiċi.

⁶ Il-Linji gwida dwar l-FP7, linji gwida dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni għall-Fondi Strutturali 2007-2013, Linji Gwida għall-Politika ta' l-Edukazzjoni 2007-2013.

Azzjoni 3: Tfassil u armonizzazzjoni aħjar tal-preżentazzjoni ta' strateġiji ta' kontroll u l-evidenza li ttiprovdi assigurazzjoni raġonevoli

Azzjoni mwettqa: ir-rapporti ta' attività annwali jiffurmaw il-bażi li fuqha l-Kulleġġ jaċċetta r-responsabbiltà tiegħu għall-ġestjoni li saret mis-servizzi tiegħu. Għalhekk preżentazzjoni ċara tas-sistema ta' kontroll intern hija kruċjali biex l-utent jifhem kif tissawwar l-assigurazzjoni. Matul l-2007, "il-mudelli ta' kontroll intern" ġew imfassla għal kull manjiera ta' ġestjoni, b'deskrizzjoni tas-sistema ta' kontroll intern fuq bażi konsistenti u konċiżi u bi preżentazzjoni ta' tiswir loġiku tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Ġenerali. Dawn il-mudelli huma mfassla fuq format komuni li jagħti lok għal ċerta flessibbiltà għall-adattament mal-ħtiġiet tad-DĠs. Dawn se jintużaw fir-rapporti ta' attività annwali għall-2007 u proċess ta' monitoraġġ u *peer-review* se jiżgura applikazzjoni konsistenti. Id-DĠs se jħabbtu wiċċhom ma' l-isfida li jipprovdu spjegazzjoni ċara għal nuqqasijiet fis-sistema u l-azzjonijiet li qed jieħdu biex jindirizzawhom.

Impatt: *AARs għall-2006 diġà ttejbu bħala riżultat ta' l-azzjoni 3, u ġew riflessi minn valutazzjoni aktar pożittiva mill-ECA fir-rapport annwali tagħha tal-kwalità ta' l-AARs; Titjib fil-fehim ta' sistemi ta' kontroll differenti. ■■□□□.*

Evoluzzjoni probabbli: *Huwa mistenni titjib sinjifikanti għall-AARs ta' l-2007 li jirreflettu l-Istruzzjonijiet Permanenti, peer review aktar b'saħħitha, u – fil-qasam tal-ġestjoni maqsuma – l-użu ta' Sommarji Annwali mibgħuta mill-Istati Membri.*

Azzjoni 3N: tissaħħaħ ir-rabta bejn l-assigurazzjoni raġonevoli u l-ħlasijiet

Azzjoni mwettqa: ir-Rapport ta' Sinteżi dwar l-2006 spjega b'mod ċar ir-riżervi għall-assigurazzjoni globali, inkluża l-identifikazzjoni speċifika tas-setturi u/jew l-Istati Membri kkonċernati. Huwa identifika l-korrezzjonijiet finanzjarji korrispondenti jew is-sospensjonijiet ta' ħlasijiet. Din il-politika qiegħda tissaħħaħ.

Impatt: *Fil-qasam tal-Fondi Strutturali, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tas-superviżjoni taħt ġestjoni maqsuma⁷ diġà stabbiliet rabta diretta ħafna bejn is-sejbiet tal-verifika, ir-riżervi u l-pjani ta' azzjoni għal reġjuni jew Stati Membri partikolari biex b'hekk jiġi żgurat deċiżjonijiet f'waqthom dwar sospensjonijiet u korrezjonijiet finanzjarji jittieħdu fl-2008. ■□□□□.*

Evoluzzjoni probabbli: *L-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Fondi Strutturali se tiżgura li n-nuqqas ta' assigurazzjoni raġonevoli twassal jew għal sistemi mtejba jew għas-sospensjoni ta' ħlasijiet u korrezjonijiet finanzjarji.*

⁷ KUMM(2008) 97.

Azzjoni 4: Jinbeda djalogu interistituzzjonali dwar ir-riskji li għandhom ikunu tollerati fit-tranżazzjonijiet sottostanti

Azzjoni mħassra iżda għandha titkompla f'azzjoni 10: riskju zero huwa impossibbli li jinkiseb bi spiża raġjonevoli. Il-Qorti indikat li huwa meħtieġ li l-Kummissjoni tieħu azzjoni biex ittaffi b'mod suffiċjenti r-riskju ta' żbalji. Hija enfasizzat il-ħtieġa li ssir definizzjoni ta' "livell tollerabbli ta' riskju" u li jiġu adattati sistemi ta' kontroll biex jinkiseb dan. Filwaqt li l-Awtorità Leġislattiva ma inkorporatx dan fir-Regolament Finanzjarju rivedut, il-Kummissjoni qed tissokta din l-azzjoni flimkien ma' l-azzjonijiet 10 u 11 (ara aktar 'l isfel).

2.2. Id-dikjarazzjonijiet tal-maniġment u l-assigurazzjoni ta' verifika (azzjonijiet 5-8)

Azzjoni 5: Promozzjoni ta' dikjarazzjonijiet tal-ġestjoni fuq livell operattiv u rapporti ta' sinteżi fuq livell nazzjonali

Azzjoni mwettqa: il-leġiżlazzjoni għal ġestjoni maqsuma għall-2007-2013 titlob li l-Istati Membri jipprovdu opinjoni ta' verifika kull sena u d-dettalji tar-riżultati tal-kontrolli. Barra minn hekk, ir-Regolament Finanzjarju rivedut jirrekjedi sommarju annwali tal-verifiki u d-dikjarazzjonijiet disponibbli, li għandhom jitressqu għall-ewwel darba fil-15 ta' Frar 2008 (għas-sena 2007). Għall-agrikoltura, il-kapijiet ta' aġenziji li jħallsu huma obbligati jipprovdu dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni kull sena. L-obbligu li jitressaq sommarju annwali ġie ċċarat fl-Artikolu 7(5) tar-Regolament (KE) Nru 885/2006 filwaqt li f'Diċembru 2007 ġew indirizzati linji gwida ulterjuri lill-Istati Membri. Għall-Fondi Strutturali, tressqu linji gwida dettaljati lill-Kumitat Koordinat tal-Fondi f'Ottubru 2007 u nħarġu f'forma finali f'Diċembru 2007.

Il-Kummissjoni enfasizzat b'mod qawwi l-importanza tas-sommarji u sas-27 ta' Frar kienet irċeviet sommarji dwar il-Fondi Strutturali mingħand 25 Stat Membru. Filwaqt li l-karattru ta' l-assigurazzjoni li tista' tingħata għal dawn id-dokumenti tista' tiġi vvalutata biss wara reviżjoni tal-kontenut u l-kwalità tagħhom, il-Kummissjoni tikkunsidra dan bħala suċċess li tista' tibni fuqu biex tagħmel aktar progress. Hekk kif jevolvi l-proċess u tinbeda l-implimentazzjoni tal-programmi għall-perjodu 2007-2013, is-sommarji se jagħtu sostenn addizzjonali għall-assigurazzjoni.

Il-Kummissjoni se tibgħat tfakkiriet lil dawk il-pajjiżi li għandhom ma bagħtux sommarji (l-Awstrija u l-Ġermanja) u tagħtihom xahar biex jibagħtuhom. Erba' Stati Membri (l-Irlanda, il-Greċja, il-Lussemburgu u r-Repubblika Ċeka) ma taw l-ebda informazzjoni dwar il-programmi għall-perjodu 2000-2006.

L-għoti ta' sommarji huwa obbligu ġuridiku taħt ir-regoli finanzjarji eżistenti. Jekk din is-sitwazzjoni ma tiġix rimedjata mill-Istati Membri li ma taw l-ebda sommarju, jew jekk il-kontenut tas-sommarju ma jkunx konformi ma' l-obbligi taħt ir-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tinsab deċiża li tiftaħ proċedura ta' ksur.

B'rabta ma' l-agrikoltura, kważi l-intestaturi kollha ta' l-aġenziji li jħallsu (75 minn 83) ressqu l-kontijiet annwali tagħhom flimkien mad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħhom kif ukoll ir-rapport ta' ċertifikazzjoni sa l-1 ta' Frar 2008 (it-tfakkira għandha tintbagħat sa tmiem Frar). L-Istati Membri fejn aktar minn aġenzija tal-ħlas waħda hija akkreditata għandhom l-obbligu li jressqu sommarju annwali sal-15 ta' Frar 2008. Kollha kemm huma rrispettaw l-iskadenza, ħlief Stat Membru wieħed li mistenni jagħmel dan sal-bidu ta' Marzu.

Il-Kummissjoni laqgħet id-dikjarazzjoni volontarja tal-gvern Olandiż, u r-rapport u l-opinjoni anċillari tal-Qorti ta' l-Awdituri Olandiża. Laqgħet ukoll iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa ta' l-UE mis-SAI Daniża u l-intenzjonijiet għal azzjoni f'dan il-qasam imħabbra mir-Renju Unit. Il-Kummissjoni tapprova inizjattivi nazzjonali bħal dawn.

Impatt: Assigurazzjoni mtejba fil-ġestjoni maqsuma ■■□□□

Evoluzzjoni probabbli: Titjib gradwali fis-sistemi ta' kontroll jistgħu jiġu mistennija ladarba l-proċess jiġi inkorporat u l-Istati Membri jassumu aktar responsabbiltà għall-Fondi ta' l-UE (skond il-konformità ta' l-Istati Membri).

Azzjoni 6: Analiżi ta' l-utilità tad-dikjarazzjonijiet tal-ġestjoni barra l-modi ta' ġestjoni ċentralizzata maqsuma u indiretta

Azzjoni mħassra iżda għandha titkompla b'mod ieħor: l-estensjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni għal politiki esterni ma tqisix li kienet ekonomikament effettiva u lanqas li tista' żżid l-assigurazzjoni minħabba r-riskju ta' duplikazzjoni ma' l-obbligi kuntrattwali eżistenti tal-benefiċjarji dwar il-ġestjoni finanzjarja. Fir-rigward tal-politiki interni, inħass li kien ikun aktar effettiv li tiżdied l-assigurazzjoni permezz ta' ċertifikati ta' verifika (ara l-Azzjoni 7 aktar 'l isfel).

Impatt: Ara l-azzjoni 7 aktar 'l isfel.

Azzjoni 7: Promozzjoni ta' l-aħjar prattiċi biex jittejjeb il-bilanċ bejn il-benefiċċji u l-ispejjeż tal-verifiki fuq il-livell tal-proġetti

Azzjoni mwettqa parzjalment: f'ħafna każi l-qafas ta' kontroll intern tal-Kummissjoni jintrifed mill-ħidma ta' awdituri oħrajn, inklużi dawk ta' l-awtoritajiet ta' Stati Membri f'ġestjoni maqsuma u awdituri b'kuntratt f'ġestjoni diretta ċentralizzata. Il-kisba ta' riżultati effettivi minn livelli differenti ta' verifika teħtieġ proċeduri ta' ħidma u mandati ċari.

Il-Kummissjoni analizzat mill-ġdid il-proċeduri tagħha għal opinjonijiet ta' verifika u l-kwalità u l-indipendenza ta' l-awdituri. B'rabta ma' l-Għajnuna Esterna u għas-seba' Programm Qafas ta' Riċerka hija bbażat il-metodu tagħha fuq l-istandard internazzjonali dwar 'proċeduri maqbula'. Dawn, flimkien ma' linji gwida anċillari, jiddefinixxu b'mod ċar l-ambitu tal-ħidma, il-format u l-kontenut tar-rapporti, ir-rekwiżiti ta' akkreditazzjoni u l-obbligu ta' l-awditur. Fl-2008 dan il-metodu se jiġi estiż għall-Edukazzjoni u l-Kultura.

Fil-Fondi Strutturali, il-leġiżlazzjoni ta' l-2007-2013 tistipula r-rwoli ta' l-entitajiet differenti ta' l-Istati Membri (inklużi iċ-ċertifikazzjoni ta' pretensjonijiet għan-nefqa mill-awtorità li tiċċertifika u l-opinjoniijiet ta' verifika annwali minn awtorità tal-verifika). Il-manwal ta' verifika SF qed jiġi rivedut biex ikun konformi mar-rekwiżiti regolatorji l-ġodda. Se jinkudi l-gwida ta' teħid ta' kampjuni għall-Artikolu 16, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006, diskuss ma' l-Istati Membri f'Novembru fl-2007 li se jiġi finalizzat sa nofs l-2008.

Fir-rigward ta' l-agrikoltura, iċ-ċertifikazzjoni annwali tkopri, mis-sena finanzjarja 2007, il-ħidma xierqa tal-proċeduri ta' kontroll intern ta' l-aġenziji li jħallsu u l-entitajiet ta' ċertifikazzjoni huma mistennija jivverifikaw u jivvalidaw l-istatistika ta' kontroll u l-iċċekjar ta' wara l-ħlasijiet.

Impatt: Standardizzazzjoni u kwalità tal-ħidma tal-verifika aħjar u rappurtaġġ imtejjeb tar-rati ta' żbalji rappreżentattivi □□□□

Evoluzzjoni probabbli: Tnaqqis kostanti fir-rati ta' l-iżbalji

Azzjonijiet 8 u 8N: Faċilitazzjoni ta' assigurazzjoni addizzjonali mill-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika

Azzjoni 8 mwettqa: filwaqt li mhumiex parti mill-qafas ta' kontroll intern, l-Istituzzjoni Supremi tal-Verifika indipendenti, fir-rwol tagħhom ta' awdituri ta' l-infiq pubbliku nazzjonali, għandhom sehem importanti fil-verifika ta' fondi pubbliċi, inklużi dawk Ewropej. Il-Kummissjoni tat *data* dwar il-ħlasijiet li saru fl-2005 u fl-2006 lill-SAIs kollha u se tissokta tipprovdi tali informazzjoni.

Azzjoni 8N għoddha tlestiet: il-Kummissjoni wettqet studju ta' każ partikolari mal-SAI Slovenia li ppermettitilha ttejjeb ir-rapporti standard. Dan se jiffaċilita l-użu ġejjieni mis-SAIs fil-kuntest ta' verifiki nazzjonali.

Impatt: Żjieda fl-għadd ta' SAIs li jagħmlu użu minn data tal-Kummissjoni u li jirraportaw dwar l-użu ta' fondi ta' l-UE ■□□□

Evoluzzjoni probabbli: L-SAIs huma indipendenti iżda tista' tiġi mistennija żjieda gradwali fl-involviment tagħhom hekk kif il-kwalità tar-rapporti tal-Kummissjoni tittejjeb.

2.3. Metodu b'verifika waħda: il-qsim tar-riżultati u l-prijoritizzazzjoni tar-relazzjoni bejn l-infiq u l-benefiċċju (azzjonijiet 9-11)

Azzjonijiet 9 u 9a1N: Ħolqien ta' għodod effettivi biex jinqasmu r-riżultati tal-verifiki u l-kontroll u biex jiġi promoss il- metodu tal-verifika unika

Azzjoni għoddha tlestiet: il-Qorti pproponiet li r-riżultati tal-verifika jiddaħħlu f'*database* komuni⁸. Il-Kummissjoni integrat *data* tal-verifika fis-sistema finanzjarja u tal-kontijiet tagħha biex tiffaċilita l-koordinazzjoni ta' verifiki u l-iskambju ta' riżultati bejn DG differenti: attwalment aktar minn 2,700 verifika huma rreġistrati.

Id-DG b'ġestjoni maqsuma jikkoordinaw il-verifiki ma' l-Istati Membri u l-progress u jsir monitoraġġ tal-verifika permezz ta' sistemi ta' l-IT, rappurtaġġ regolari u l-laqgħat ta' koordinazzjoni ta' kull sena. Il-leġislazzjoni tal-Fondi Strutturali għall-2007-2013 tirrekjedi l-koordinazzjoni ta' kontrolli bejn atturi differenti fil-katina ta' kontroll, u l-awtorità ta' verifika għandha tipprovdi strateġija ta' verifika li għandha tiġi approvata mill-Kummissjoni fi żmien 9 xhur mill-adozzjoni tal-programm, li tiġi aġġornata u revista bilateralment kull sena. Rapporti ta' verifika tas-sistema huma skambjati bejn il-Kummissjoni u s-servizzi nazzjonali ta' verifika. Matul l-2007 saru *Workshops* ta' taħriġ dwar id-dispożizzjonijiet għall-verifika u l-kontroll tar-regolament il-ġdid lill-awtoritajiet ta' verifika tal-Fondi Strutturali ta' kważi kull Stati Membru, favur fehim komuni tar-rekwiżiti leġislattivi l-ġodda.

⁸ Para. 46 & 47 Opinjoni 02/2004.

Impatt: Koordinazzjoni aħjar ta' l-attività ta' verifika u l-metodoloġija tal-verifika. ■□□□□

Evoluzzjoni probabbli: Aktar konsistenza u kwalità aħjar tal-ħidma ta' verifika. Aktar dipendenza fuq il-ħidma ta' l-awtoritajiet nazzjonali ta' verifika.

Azzjonijiet 10 u 10N: Isiru stima u analiżi inizjali ta' l-ispejjeż tal-kontrolli u tiġi eżaminata r-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontroll

Azzjoni mibdija: il-Kummissjoni qed tagħlaq il-valutazzjoni ta' l-ispejjeż tal-kontroll fil-qasam ta' l-agrikoltura, l-ERDF u l-ġestjoni ċentralizzata diretta. Ir-riżultati se jiffurmaw il-bażi ta' Komunikazzjoni mill-Kummissjoni f'Ottubru ta' l-2008 li se teżamina l-benefiċċji ta' l-infiq tas-sistemi ta' kontroll u l-analiżi tar-riskju residwu li d-DĠs li l-oqsma tal-politika tagħhom ġew ivvalutati mill-Qorti ta' l-Awdituri bħala "ħomor" għandhom jinkludu fir-Rapporti ta' Attività Annwali għall-2007 tagħhom. Din il-Komunikazzjoni se tiffirma l-bażi biex tissokta d-diskussjoni dwar ir-riskju residwu ta' l-iżbalji.

L-analiżi ta' l-impatt tad-disinn tal-programm dwar ir-riskju mbassar fl-azzjoni 10N mxiet b'ritmu aktar baxx milli kien ittammat, l-aktar minħabba nuqqas ta' data ċentralizzata tajba.

Impatt: Fehim tal-livelli ta' riskju residwu f'oqsma ta' politika ewlenin ■□□□□.

Evoluzzjoni probabbli: Tiddependi fuq is-segwitu għall-komunikazzjoni ta' Ottubru 2008.

Azzjoni 11: Irkupri u benefiċċji tal-kontroll

Azzjoni li għoddha tlestiet: huwa diffiċli li ssir il-kwantifikazzjoni fir-rigward ta' bosta benefiċċji tal-kontroll (l-effetti ta' deterrent u ta' prevenzjoni, l-impatt ta' verifika ta' sistemi fuq it-titjib tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ta' l-Istati Membri jew tal-benefiċjarji). Għalhekk l-analiżi f'dan l-istadju hija limitata għal benefiċċji li jistgħu jitkejlu mill-ewwel (l-irkupri u t-tnaqqis tal-ħlasijiet).

Impatt: Il-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji tal-kontroll f'termini ta' rkupru ta' ammonti żbaljati □□□□□

Evoluzzjoni probabbli: Informazzjoni sħiħa se tinġabar mill-2008 'il quddiem taħt l-Azzjoni 11N.

Azzjoni 11N: Irkupri ta' żbalji

Azzjoni mibdija: l-ammonti rkuprati ġew irrappurati fil-kontijiet ta' l-2005 u l-2006. Madankollu għadha ma ġiet stabbilita l-ebda rabta bejn ir-riżultati tal-kontroll u l-irkupri. Biex jiġi żgurat li r-riżultati finanzjarji tal-kontrolli jkunu jistgħu jiġu identifikati u ntraċċati, mit-28 ta' Frar 2008 is-sistema ċentrali finanzjarja u tal-kontijiet se tirreġistra informazzjoni dwar l-awtorità ta' kontroll u t-tip ta' żball. Din l-informazzjoni, li għandha tiddaħħal b'mod retroattiv għall-irkupri kollha mnedija fl-2008, se tiġi rrappurtata fil-kontijiet għall-2008, li jitressqu f'Marzu 2009. Dan il-metodu se jippermetti, fost l-oħrajn, li s-sena li fiha jkun sar żball titqabbel mas-sena meta jkun instab u se jkun il-bażi għall-valutazzjoni ta' l-effettività ta' sistemi ta' rkupru multijannwali.

Fl-istess waqt, f'Ottubru ta' l-2007 l-Kummissjoni inkludiet bħala anness mar-Rapport Annwali dwar il-Fondi Strutturali, informazzjoni dwar il-korrezzjonijiet tal-Kummissjoni, u għall-ewwel darba, pprovdiet ċifri għall-eżekuzzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji fil-livell nazzjonali permezz ta' rtirar u rkupri mill-Istati Membri. Fl-2008 l-Kummissjoni se tieħu azzjoni biex ittejjeb il-konformità tar-rekwiżiti tar-rappurtaġġ u se tivverifika r-reqqa tad-*data* mogħtija billi jittieħed kampjun minn ċerti Stati Membri.

Impatt: Evidenza li s-sistemi ta' kontroll multijannwali qegħdin jirranġaw l-iżbalji b'mod effettiv □□□□

Evoluzzjoni probabbli: Data sħiħa dwar korrezzjonijiet tal-Fondi Strutturali se tinġabar għas-sena 2008 u l-korrezzjonijiet tal-Kummissjoni se jiġu rreġistrati fis-sistema tal-kontijiet.

2.4. Nuqqasijiet speċifiċi għas-settur (azzjonijiet 12-16)

Azzjonijiet 12 u 12N: Indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati mis-servizzi li pparteċipaw

Azzjoni mwettqa: il-Kummissjoni se tiżgura li l-istrateġija ta' verifika multijannwali tibqa' tiżgura bilanċ xieraq bejn ir-riskju u t-teħid rappreżentattiv ta' kampjuni⁹. Thej jew linji gwida estensivi dwar it-teħid ta' kampjuni għall-verifika konformi ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà fil-Fondi Strutturali, biex b'hekk issir il-promozzjoni tal-koerenza fit-testijiet li jsiru mill-awotritajiet ta' verifika ta' l-Istati Membri¹⁰. Il-Kummissjoni tat gwida dwar l-aħjar Prattika fil-ġestjoni ta' kuntratti fil-qafas tal-verifika esterna biex tiżgura kemm konsistenza kif ukoll kwalità għolja tar-risultati tal-verifika¹¹.

L-istrateġija ta' verifika tal-FP6 hija msejsa fuq analiżi dettaljata tal-popolazzjoni tal-benefiċjarju, li fl-opinjoni ta' l-ECA "tirrapreżenta bażi soda biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati mill-Qorti"¹². Filwaqt li tirrikonoxxi li l-metodu ma jistax jiġi ttraspost direttament fl-oqsma kollha, sa Lulju 2008 l-Kummissjoni se toħroġ gwida lis-servizzi tagħha dwar strateġiji ta' teħid ta' kampjuni msejsa fuq l-esperjenza ma' l-istrateġija ta' verifika ta' riċerka.

Meta mqabbel mal-45 verifika li saru fl-2006 għall-FP6, id-DĠ għar-Riċeka qabżu l-mira ta' 300 stipulati fir-rapport ta' progress ta' Marzu 2007¹³ billi wettqu 378 verifika fl-2007. Ir-risultati ta' dawn il-verifiki se jiġu rrapurtati fir-rapporti ta' attivita annwali tad-DĠ. Dan l-isforz se jissokta fl-2008 u l-iżvilupp progressiv tar-risultati tal-verifika u l-korrezzjonijiet u l-irkupri korrispondenti se jagħtu analiżi ċara ta' l-iżbalji residwi fl-FP6.

Impatt: Tnaqqis progressiv fl-iżbalji fil-manjieri kollha ta' ġestjoni. ■□□□

Evoluzzjoni probabbli: Evalwazzjoni dejjem aħjar mill-Qorti ta' l-Awdituri

⁹ Para. 48 & 49 Opinjoni 02/2004.

¹⁰ Para. 40 & 49 Opinjoni 02/2004.

¹¹ Para. 37 Opinjoni 02/2004.

¹² Ir-Rapport Annwali ta' l-ECA dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2006.

¹³ KUMM(2007) 86.

Azzjoni 13: Analiżi tal-kontrolli taħt Ġestjoni Maqsuma fuq livell reġjonali u l-valur tad-dikjarazzjonijiet eżistenti

Azzjoni mwettqa: id-DĠs b'rabta mal-fondi Strutturali jirrappurtaw il-valutazzjoni ta' tagħhom tas-sistemi ta' kontroll ta' l-Istati Membri fir-rapporti ta' attività annwali ta' tagħhom. Din il-valutazzjoni se tiġi parzjalment ibbażata fuq l-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri fis-sommarji annwali ta' tagħhom tal-verifiki disponibbli (ara l-azzjoni 5 aktar 'il fuq).

Impatt: *Kwalità aħjar tas-sistemi ta' kontroll ta' l-Istati Membri kif muri mill-proċess annwali ta' rapport ta' attività u l-evalwazzjoni ta' l-ECA.* ■□□□□

Evoluzzjoni probabbli: *Evalwazzjoni mtejba mill-Qorti, iżda din x'aktarx tvarja bejn Stati Membri differenti*

Azzjoni 14: Gwida aħjar għall-fondi strutturali dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' żbalji

Azzjoni mwettqa: Fl-2007 id-DĠs b'rabta mal-Fondi Strutturali ħa'rgu gwida dwar l-istrateġija ta' verifika u l-valutazzjoni ta' konformità (dokumenti li għandhom jitressqu mill-awtoritajiet ta' verifika fi żmien 12-il xahar jew 9 xhur rispettivament ta' l-adozzjoni tal-programm), sommarji annwali u korrezzjonijiet finanzjarji għal irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku. Matul l-2008, in-noti ta' gwida dwar it-teħid ta' kampjuni, is-sistemi ta' valutazzjoni u r-reviżjonijiet tan-noti dwar il-verifiki u ċ-ċertifikazzjoni ta' ġestjoni ta' livell primarju se jiġu riveduti fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti l-ġodda. Huwa ppjanat li jsir seminar għall-awtoritajiet ta' ġestjoni sa nofs l-2008.

Impatt: *Numri anqas ta' żbalji permezz ta' l-implimentazzjoni b'suċċess tal-gwida.* □□□□□

Evoluzzjoni probabbli: *Gwida mtejba b'mod sinjifikanti maħruġa fl-2008 dwar il-kwistjonijiet ewlenin kollha.*

Azzjoni 15: Promozzjoni ta' 'Kuntratti ta' Kunfidenza' għall-Fondi Strutturali

Din l-azzjoni mhix se titlesta għall-Istati Membri kollha iżda se tinkiseb permezz tal-leġiżlazzjoni għall-perjodu 2007-2013: ġew iffirmati kuntratti ta' kunfidenza ma' sitt Stati Membri: l-Awstrija, ir-Renju Unit (Wales), id-Danimarka, il-Portugall, is-Slovenja u l-Estonja. Matul l-2008 se jiġu ffirmati aktar kuntratti, fejn ir-riżultati tal-ħidma tal-verifika juru li l-kundizzjonijiet intlaħqu. Għalkemm il-Kummissjoni ma laħqitx il-mira ambizzjuża li jiġu ffirmati kuntratti ma' l-Istati Membri kollha (għall-2000-06), il-promozzjoni ta' din l-inizjattiva wasslet għal titjib fil-koordinazzjoni tal-ħidma ta' verifika u ħolqot proċedura ta' benchmarking. Il-kunċetti fundamentali ta' din l-inizjattiva jinsabu inkorporati fil-leġiżlazzjoni tal-Fondi Strutturali 2007-2013.

Impatt: *Aktar kuxjenza ta' kontroll fl-Istati Membri* ■□□□□

Evoluzzjoni probabbli: *Ladarba l-programmi għall-2007-2013 jiġu implimentati, huwa mistenni titjib fis-sistemi ta' kontroll ta' l-Istati Membri filwaqt li għadd akbar fosthom se jilhqqu r-rekwiżiti tal-"kuntratt ta' kunfidenza".*

Azzjoni 16: Tħejja ta' linji gwida komuni għal kull kategorija ta' politika

Azzjoni li għadha ma tlestiex: tħejjew linji gwida interni dwar l-akkreditazzjoni, it-taħriġ u l-monitoraġġ ta' l-awdituri esterni. Il-familja ta' riċerka stabbilixxiet manwal tal-verifika għas-sitt programm qafas għall-promozzjoni tal-konsistenza fil-ħidma tal-verifika. Il-manwali tal-verifika għall-Fondi Strutturali qegħdin jiġu riveduti skond il-leġislazzjoni l-ġdida.

Ġew żviluppati metodi komuni għal-teħid ta' kampjuni rappreżentattivi fir-riċerka. Il-progress f'oqsma oħra għaddej b'ritmu anqas mgħaġġel, iżda l-analiżi twettqet u tħejja abbozz ta' gwida għat-teħid ta' kampjuni, fost l-oħrajn għal azzjonijiet strutturali, li jiżviluppa l-prinċipji stabbiliti fil-qafas ġuridiku għall-perjodu 2007-2013. These will be finalised and made available to services by mid-2008.

Impatt: Standardizzazzjoni ta' prinċipji u metodoloġija tal-verifika. Per eżempju, informazzjoni aħjar dwar ir-rati ta' żbalji permezz ta' l-applikazzjoni ta' linji gwida komuni għat-teħid ta' kampjuni ■□□□□

Evoluzzjoni probabbli: Impatt dimostrabbli fir-Riċerka għall-2008, setturi oħrajn se jsegwu

3. KONKLUŻJONIJIET

Bosta nuqqasijiet identifikati fil-Pjan ta' Azzjoni ġew indirizzati. L-azzjonijiet pendenti se jiġu finalizzati fl-2008, u dan ifisser li l-qafas integrat tal-kontroll intern previst fl-2006 dalwaqt jidħol fis-seħħ.

Biex isir progress fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju u r-riskju residwu, il-Kummissjoni se tissokta ħidmitha fuq il-bilanċ bejn l-ispejjeż, il-benefiċċji u r-riskji. Hija tilqa' l-interess tal-Kunsill u tal-Parlament għall-kunċett tar-riskju residwu ta' żbalji, speċjalment billi dan huwa influwenzat ferm minn regoli kumplessi li jwasslu għal riskju għoli ta' żbalji. Għal dan il-għan, f'Ottubru ta' l-2008 se titħejja Komunikazzjoni li tgħaqqad ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-kontroll u l-analiżi tar-riskju residwu li d-DĠs li l-oqsma ta' politika tagħhom ġew ivvalutati bħala "ħomor" huma mitluba jinkludu fir-Rapporti ta' Attività Annwali għall-2007 tagħhom.

Il-Kummissjoni tista' turi li għamlet progress konkret. Madankollu, il-bażi ta' l-evalwazzjoni tas-suċċess tal-pjan ta' azzjoni se jkun l-impatt ta' l-azzjonijiet, permezz ta' tnaqqis fl-iżbalji u klassifikazzjonijiet aħjar tas-sistema mill-Qorti. Kmieni fl-2009 il-Kummissjoni se tħejji valutazzjoni ta' l-impatt ulterjuri mill-31 ta' Diċembru 2008.